

5) Ir-Renju ta' Spanja għandu jbatu l-ispejjeż proprji tiegħu relatati mal-proċedura fl-ewwel istanza u mal-appell.

(<sup>1</sup>) ĠU C 190, 4.6.2018.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Sitt Awla) tat-13 ta' Frar 2020 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-iSpetsjaliziran nakazatelen sad – il-Bulgarija) – proċeduri kriminali kontra TX, UW**

(Kawża C-688/18) (<sup>1</sup>)

*(Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali – Direttiva (UE) 2016/343 – Preżunzjoni tal-innoċenza u dritt li wieħed ikun preżenti fil-proċess tiegħu fil-kuntest ta' proċeduri kriminali – Artikolu 8(1) u (2) – Kundizzjonijiet meħtieġa minn leġiżlazzjoni nazzjonali sabex iseħħ proċess fil-kontumacia – Assenza ta' dehra ta' persuni akkużati f'ċerti seduti minħabba raġunijiet kemm dipendenti, kemm indipendenti mir-rieda tagħhom – Dritt għal smigħ xieraq)*

(2020/C 103/03)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

**Qorti tar-rinviju**

Spetsjaliziran nakazatelen sad

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

TX, UW

**Dispożittiv**

L-Artikolu 8(1) u (2) tad-Direttiva (UE) 2016/343 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar it-tisħiħ ta' ċerti aspetti tal-preżunzjoni tal-innoċenza u tad-dritt li wieħed ikun preżenti waqt il-proċess fil-proċedimenti kriminali, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi, fis-sitwazzjoni fejn il-persuna akkużata tkun ġiet informata, fi żmien xieraq, biż-żamma tal-proċess tagħha bħala konsegwenzi ta' nuqqas ta' dehra f'dan il-proċess u fejn din il-persuna tkun ġiet irrappreżentata minn avukat b'mandat li hija tkun ħatret, li d-dritt tagħha li tkun preżenti fil-proċess tagħha ma jkunx miksur meta:

— hija ddeċidiet b'mod inekwivoku li ma tidhirx f'waħda mis-seduti miżmuma fil-kuntest tal-proċess tagħha jew

— hija ma dehrinx għal waħda minn dawn is-seduti minħabba raġuni lil hinn mill-kontroll tagħha jekk, wara din is-seduta, hija ġiet informata bl-atti mwettqa fl-assenza tagħha u li, b'għarfien sħiħ tal-fatti, hija kienet ħadet deċiżjoni li permezz tagħha hija ddikjarat jew li ma kinitx ser tinvoka l-assenza tagħha sabiex tikkontesta l-legalità ta' dawn l-atti, jew li hija xtaqet tipparteċipa f'dawn l-atti, li wassal lill-qorti nazzjonali adita sabiex tirrepeti l-imsemmija atti, b'mod partikolari billi żammet smigħ supplimentari ta' xhud, li fih il-persuna akkużata kellha l-possibbiltà li tipparteċipa b'mod sħiħ.

(<sup>1</sup>) ĠU C 25, 21.1.2019.